# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar it-22 ta' Gunju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 334/2021 CL

It-Tribunal;

**Sergio Darmanin (KI nru 0490873M)**

**VERSUS**

**Bedu Ram Bandhari (KI nru 211127A) f'ismu propju u f'isem is-socjeta BPR Bros Ltd (C94757)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-15 ta' Novembru, 2021 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat jhallas l-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500), liema somma huma dovuti mill-konvenuti u li tirraprezenta l-uzu tas-servizzi finanzjarji u servizz ta' awditur li l-konvenut talab f'ismu propju u sabiex tinfetah il-kumpanija BPR Bros Ltd. Illi l-konvenut intalab diversi drabi sabiex jhallas ghas-servizzi offruti mill-attur. Bl-ispejjes u imghaxijiet kollha, inkluz tal-mandat ta' sekwestru li gie ipprezentat kontestwalment ma' din it-talba.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi wara li l-konvenut gie nnotifikat kien it-tribunal zamm zewg seduti izda l-konvenut la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2022, it-Tribunal sema' lil Sergio Darmanin jiddikjara bil-gurament illi minkejja li kien offra lil-konvenut is-servizzi tieghu ta' konsulenza sabiex tigi formata kumpanija u ta' *registered address* dan kien halla ammont pendenti ta'

€1500. Hu ipprezenta dokument immarkat bhal Dok SG1, fejn jidher li l-ammont dovut huwa ta' €1500.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal sema' lil attur jixhed u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (EUR1,500) u l-ispejjes tal-mandat tas-sekwestru li gie ipprezentat fil-15 ta' Novembru 2021, bl-imgħax legali mill-20 ta' April 2021, sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tal- konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**